PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0066/2015**

26.3.2015

*

# RAPPORT

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/689/KE
(05126/2015 – C8-0025/2015 – 2015/0802(CNS))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Marita Ulvskog

PR_CNS_LegAct_am

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

PROĊEDURA ..........................................................................................................................8

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/689/KE**
**(05126/2015 – C8-0025/2015 – 2015/0802(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (05126/2015),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 160 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0025/2015),

– wara li kkunsidra  l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0066/2015),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill kif emendat;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa ' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz tiegħu b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Abbozz tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar it-tisħiħ tal-koperazzjoni għall-immodernizzar u t-titjib tal-protezzjoni soċjali, il-Kunsill appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu għal | (3) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar it-tisħiħ tal-koperazzjoni għall-immodernizzar u t-titjib tal-protezzjoni soċjali[2], il-Kunsill appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu għal |

| | |
|---|---|
| koperazzjoni msaħħa, maħluqa bix-xogħol tal-grupp ta’ uffiċjali ta’ livell għoli, għall-implimentazzjoni ta’ din l-azzjoni. Il-Kunsill saħaq li din it-tip ta' koperazzjoni għandha tkopri kull forma ta' protezzjoni soċjali u, fejn ikun meħtieġ, tgħin lill-Istati Membri biex itejbu u jsaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom skond il-prijoritajiet nazzjonali tagħhom. Fakkar ukoll il-kompetenza tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-protezzjoni soċjali u approva l-erba' objettivi wiesa', li huma parti mill-isfida ġenerali tal-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali kif identifikati mill-Kummissjoni: jiġifieri li jagħmlu x-xogħol irendi u jipprovdi dħul assigurat, li jassiguraw il-pensjonijiet u jagħmlu s-sistemi ta' pensjoni sostenibbli, li jippromovu l-inklużjoni soċjali u biex jiżguraw ***li l-ħarsien*** tas-saħħa ***jkun*** ta’ kwalità għolja u sostenibbli; huwa saħaq ukoll li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel trid tiġi integrata fl-attivitajiet kollha li jimmiraw għat-twettiq ta' dawn l-erba' objettivi. Fl-aħħar, il-Kunsill irrikonoxxa li l-aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-finanzi huma komuni għall-objettivi kollha. | koperazzjoni msaħħa, maħluqa bix-xogħol tal-grupp ta’ uffiċjali ta’ livell għoli, għall-implimentazzjoni ta’ din l-azzjoni. Il-Kunsill saħaq li din it-tip ta' koperazzjoni għandha tkopri kull forma ta' protezzjoni soċjali u, fejn ikun meħtieġ, tgħin lill-Istati Membri biex itejbu u jsaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom skond il-prijoritajiet nazzjonali tagħhom. Fakkar ukoll il-kompetenza tal-Istati Membri għall-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-protezzjoni soċjali u approva l-erba' objettivi wiesa', li huma parti mill-isfida ġenerali tal-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali kif identifikati mill-Kummissjoni: jiġifieri li jagħmlu x-xogħol irendi u jipprovdi dħul assigurat, li jassiguraw il-pensjonijiet u jagħmlu s-sistemi ta' pensjoni sostenibbli, li jippromovu l-inklużjoni soċjali u biex jiżguraw ***ħarsien*** tas-saħħa ta’ kwalità għolja u sostenibbli ***għal kulħadd***; huwa saħaq ukoll li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel trid tiġi integrata fl-attivitajiet kollha li jimmiraw għat-twettiq ta' dawn l-erba' objettivi. Fl-aħħar, il-Kunsill irrikonoxxa li l-aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-finanzi huma komuni għall-objettivi kollha. |
| [2] ĠU C 8, 12.1.2000, p. 7. | [2] ĠU C 8, 12.1.2000, p. 7. |

**Emenda 2**

**Abbozz ta' deċiżjoni**
**Premessa 7**

| *Abbozz tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju tal-2013, il-Kunsill Ewropew iddikjara li għandha tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM. Bħala l-ewwel pass, huwa importanti li jiġu segwiti u meqjusa aħjar is-sitwazzjoni soċjali u dik tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-UEM, partikolarment | (7) Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju tal-2013, il-Kunsill Ewropew iddikjara li għandha tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM. Bħala l-ewwel pass, huwa importanti li jiġu segwiti u meqjusa aħjar is-sitwazzjoni soċjali u dik tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-UEM, partikolarment |

| | |
|---|---|
| permezz tal-użu ta' indikaturi soċjali u dwar l-impjiegi adatti fis-Semestru Ewropew. Huwa importanti wkoll li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar tal-politika dwar l-impjiegi ***u*** dik soċjali, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali. | permezz tal-użu ta' indikaturi soċjali u dwar l-impjiegi adatti fis-Semestru Ewropew. Huwa importanti wkoll li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar tal-politika dwar l-impjiegi***,*** dik soċjali ***u dik soċjoekonomika***, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/689/KE |
| **Referenzi** | 05126/2015 – C8-0025/2015 – 2015/0802(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 30.1.2015 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>9.2.2015 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG 9.2.2015 ECON 9.2.2015 FEMM 9.2.2015 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | BUDG 11.2.2015 ECON 10.3.2015 FEMM 18.3.2015 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Marita Ulvskog<br>22.1.2015 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.3.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 46<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Jan Keller, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Inês Cristina Zuber |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Amjad Bashir, Deirdre Clune, Miapetra Kumpula-Natri, António Marinho e Pinto, Joachim Schuster, Csaba Sógor, Ivo Vajgl |
| **Data tat-tressiq** | 26.3.2015 |